# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Frar 2021**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 289/2019 JVC**

**Avv. Dr Geraldine Spiteri f'isem u in rapprezentanza tal-imsiefer Simon Edmund Vassallo aka Simon Edmund James Vassallo-Harding**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Dr Geraldine Spiteri noe kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. ILLI r-rikorrenti twieled fit-28 ta' Frar 1967 u gie rregistrat bl-isem Simon Edmund Vassallo mir-Registratur tat-Twelid u l-Imwiet fir-Renju Unit (ara kopja tac-certifikat tat-twelid annessa u mmarkata "Dok A"), iben Ronald u Joan Vassallo (kopja tac-certifikat tat-twlid ta' Ronald Vassallo annessa u mmarkata "Dok B");

2. ILLI permezz ta' *UK Deed Poll,* datata 19 ta' Lulju 1987, isem ir-rikorrent gie mibdul legalment fir-Renju Unit ghal Simon Edmund James Vassallo-Harding, u dan skont ma kienu x-xewqat tar-rikorrent sabiex jirriflettu l-uzu komuni tal-isem James mill-familja tieghu u n-nisel tal-familja Harding (ara kopja tal-*UK Deed Poll* annessa u mmarkata "Dok C", u kopja tac-certifikat tat-twelid tan-nannu patern tar-rikorrent, William (Guglielmo) annessa u mmarkata "Dok D1", li juri omm l-istess William kellha l-kunjom Harding, kif ukoll ic-certifikat taz-zwieg tal-buznanniet paterni tar-rikorrenti Dok D2, li juri l-kunjom tal-buznanna paterna Harding);

3. ILLI r-rikorrent ried japplika ghal cittadinanza Maltija ghaliex ghandu missier Malti u nannu patern Malti, u l-*Identity Malta* gharrfitu li fil-fatt dejjem kellu cittadinanza Maltija; ghaldaqstant huwa applika ghal passaport u sabiex jaghmel dan, huwa pprezenta c-certifikat tat-twelid u l-*UK Deed Poll* flimkien ma' dokumenti ohrajn inkluz ic-certifikat ta' zwieg tieghu quddiem l-awtoritajiet Maltin izda gie mgharraf li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma jaccettax *UK Deed Poll* (ara kopja tal-korrispondenza minn *Identity Malta* annessa u mmarkata "Dok E", u li ghalhekk il-passaport

Malti kien se juri biss isem ir-rikorrent kif jidher fic-certifikat tat-twelid tieghu;

4. ILLI jekk il-passaport Malti jinhareg biss bl-isem skond ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent, ikun hemm diskrepanza bejn il-passaport u l-identifikazzjoni tar-rikorrenti fir-Renju Unit, min-naha l-ohra;

5. ILLI r-rikorrent izzewweg lil martu Beverly Jean imwielda Hastie fid-22 ta' Awissu 1987 (ara kopja tad-dokument taz-zwieg annessa u mmarkata "Dok F" fir-registru taz-zwieg relativ) fir-Renju Unit;

6. ILLI sabiex jikseb passaport Malti, ir-rikorrent ipprezenta d-dokumenti tal-identita' tieghu mir-Renju Unit lill-*High Commission* f'Londra, flimkien mal-formoli kollha biex jirregistra l-atti ta' stat civili tieghu (twelid u zwieg) mal-awtoritajiet Maltin, izda f'dan l-istat nghata istruzzjonijiet ma jipprocedix bl-applikazzjoni tieghu ghar-ragunijiet segwenti:

    a. Illi l-awtoritajiet Maltin ma jaccettawx *UK Deed Poll* u li l-passaport Malti ghalhekk kien se juri biss il-kunjom tar-rikorrent kif jidher fic-certifikat tat-twelid tieghu u mhux kif jidher fil-passaport tar-Renju Unit tieghu, kif mibdul;
    b. Illi f'Malta ma setax jirregistra z-zwieg tieghu minhabba li z-zwieg sehh taht isem differenti minn dak li jidher fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent;

7. ILLI unikament minhabba din l-anomalija, mart ir-rikorrent ma tistax tapplika ghal cittadinanza Maltija, ghalkemm ir-rikorrent ilu mizzewweg maghha tul dawn is-snin kollha;

8. ILLI ghalhekk ir-rikorrent jinsab fi stat fejn ghandu cittadinanza Maltija izda ma jistax japplika ghal passaport Malti minhabba l-bidla li saret f'ismu b'mod li bih tippermetti l-ligi fir-Renju Unit u ghaldaqstant huwa m'ghandux passaport Malti, u l-mara tieghu la tista' tapplika ghal cittadinanza Maltija u lanqas ma tista' tirregistra z-zwieg taghha f'Malta;

9. ILLI ghalhekk huwa mehtieg li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent;

10. ILLI minkejja li d-dokumentazzjoni kollha li turi bidla legal fl-isem tar-rikorrent, il-korrezzjonijiet mehtiega jistghu jsiru biss permezz ta' kawza u r-rikorrent ma kellu ebda ghazla hlief jiftah dawn il-proceduri;

GHALHEKK ir-rikorrent bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrent sabiex ismu u kunjomu jidhru kif indikat fil-*UK Deed Poll*, jigifieri "Simon Edmund James Vassallo-Harding";

2. Konsegwentament, tordna li l-passaport Malti tar-rikorrent jinhareg bid-dettalji kif korreguti, jigifieri bl-isem "Simon Edmund James Vassallo-Harding";

3. Taghmel kull ordni ohra kif jidhrilha xieraq, inkluz kwalunkwe provvediment dwar spejjez.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jeccepixxi ukoll illi ghalkemm l-posizzjoni tal-ligi taghna hija kuntrarja ghal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, ghajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Ligi, huwa minnu wkoll li recentement il-qrati taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjoniet taghhom ta' talbiet ghal bidliet tal-istat civili;

3. Illi fir-rigward tad-*deed polls,* ghalkemm dawn ma humiex regolati mil-ligi nostrana, ghandu jigi sottolinejat illi l-Qrati taghna ddeciedew illi sabiex *deed poll* jkun jista' jigi rikonoxxut f'pajjiz esteru, ghandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tieghu skont il-ligi tal-pajjiz koncernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' registrazzjoni;[1]

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku,** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur tar-Registru Pubbliku,** deciza mil-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku,** deciza mil-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' April 2019.

4. Ili fil-kaz odjern, jidher li r-rikorrent twieled gewwa l-Ingilterra nhar it-28 ta' Frar 1967 u nghata l-isem ta' Simon Edmund Vassallo. Sussegwentament nhar it-22 ta' Awwissu 1987, ir-rikorrent izzewweg lil Beverly Jean Hastie gewwa l-Ingilterra ukoll. Madanakollu, l-Att tat-Twelid u l-Att taz-Zwieg esteri tar-rikorrent ghadhom ma humiex registrati gewwa Malta skont Artikolu 244 tal-Kodici Civili;

5. Illi ghaldaqstant, id-Direttur konvenut jirrileva li fil-mument din il-Qorti ma tistghax tghaddi sabiex takkolji t-talbiet in kwistjoni ghaliex l-Atti tal-Istat Civili Maltin ma jezistux;

6. Illi f'kaz li r-rikorrenti jghaddi sabiex jirregistra l-Atti tal-Istat Civil tieghu mad-Direttur konvenut, dan ta-ahhar jirrileva li huwa ser ikun qieghed jirregistra dik l-informazzjoni li tinsab fl-Atti esteri *ad verbatim* u mhux ha jkun qieghed jiehu in konsiderazzjoni tad-*deed poll* in kwistjoni;

7. Illi l-esponent jinnota illi l-attur, inter alia, ezebixxa mar-rikors promotur kopja tad-deed poll in kwistjoni u dan bl-intiza li jsostni t-talba kif dedotta minnu stess. F'kaz li r-rikorrent jirregistra l-Atti tal-Istat Civili mad-Direttur konvenut, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qort b'eskluzjoni ghat-tieni talba fir-rigward tal-korrezzjoni tal-passaport, salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi. Fir-rigward tat-tieni talba, l-esponent huwa tal-umli fehma illi din ma tistghax tigi akkolta stante li l-passaport ma huwiex Att tal-Istat Civili u b'hekk ma jinkwadrax taht Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi finalment u dan minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal datat 8 ta' Jannar 2021 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi l-eccezzjonijiet da parti tad-Direttur intimat dwar in-nuqqas ta' registrazzjoni gew sorvolati fil-mori billi gie esebit vertifikat tat-twelid tar-rikorrent li jgib in-numru 6949/2020;

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi esebita a fol. 39 tal-process;

Ivverifikat li fl-atti gie prezentat id-'deed poll' imsemmi fir-rikors guramentat (esebit a fol. 8 tal-process) li jevidenzja minghajr dubju li r-rikorrent ilu snin twal maghruf bl-isem shih ta' Simon Edmund James Vassallo-Harding u mhux biss bil-kunjom Vassallo.

Rat ukoll id-dokumentazzjoni ufficjali l-ohra mahruga mir-Renju Unit li lkoll juru li r-rikorrent huwa rikonoxxut bil-kunjom

Vassallo-Harding u mhux biss Vassallo fosthom ic-certifikat taz-zwieg a fol. 13 tal-process u l-passaport a fol. 14 tal-process;

Illi l-Qorti tqis li jekk ma tigix milqugha t-talba tar-rikorrent dan ifisser li r-rikorrent ikun maghruf b'kunjomijiet diversi bejn ir-Renju Unit u Malta u dan jaghti lok ghal konfuzjoni dwar l-identita' tieghu.

Illi stante li l-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent hija gustifikata ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent sakemm dawn huma diretti fil-konfront tad-Direttur intimat.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrent bin-numru 6949/20 (esebit a fol 38 tal-process) sabiex ismu u kunjomu jidhru kif indikat fil-*UK Deed Poll*, jigifieri "Simon Edmund James" bhala isem u l-kunjom "Vassallo-Harding";

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-passaport Malti tar-rikorrent jinhareg bid-dettalji kif korreguti, jigifieri bl-isem "Simon Edmund James Vassallo-Harding" sakemm dan huwa entro l-poteri tad-Direttur intimat;

3. Tilqa' t-tielet talba billi tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent stante li l-bdil mhux rizultat ta' xi zball tad-Direttur intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Frar 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Frar 2021**